MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2008

Numru. 1024/2008

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR DANIEL ZAMMIT**
**SPETTUR KEITH ARNADU**
**SPETTUR ANNA MARIE MICALLEF**

**KONTRA**

**RITA BORG**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Rita Borg ta' 51 sena, bint Gaetano u Maria Dolores nee' Vella, mwielda Hamrun nhar il- 31 ta' Jannar 1957, u

residenti fil- fond 63, Triq Abela, Santa Venera, detentrici ta’ Karta tal-Identita’ bin-numru 93057(M);

Li giet mressqa quddiemha sabiex twiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli b’ diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti ikunu li jiksru l- istess dispozizzjoni tal- Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda;

1) Bejn l- 1 ta’ Mejju 2008 u 17 ta’ Ottubru 2008, gewwa Triq Manwel Dimech, Sliema, ikkommetiet serq minn gewwa residenza numru 304, li sar ghad- detriment ta’ Maria Bonello, anzjana ta’ 83 sena u/jwe persuni ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil- valur li jeccedi s- somma ta’ elfejnt tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) bil- persuna, u bil- lok;

2) U aktar talli fis- 17 ta’ Ottubru 2008, u fix- xhur ta’ qabel din id- data, xjentement laqghet ghandha jew xtrat hwejjew misruqa li l- valur taghhom jeccedi s- somma ta’ elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€ 2,329.37) mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, sew jekk sar f’ Malta kif ukoll barra minn Malta jew xjentement b’kull mod li jkun, indahlet biex tbieghhom jew tmexxihom.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputata irregistrat ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’dawn il-proceduri, wara li l-Qorti tatha zmien xieraq skond il-ligi sabiex tikkunsidra sew din l-ammisjoni taghha;

Rat illi uhud mill-oggetti misruqa gew irritornati lid-derubati, u l-oggetti l-ohra li fuqhom kien hemm nuqqas ta’ qbil dwar il-proprjeta’ taghhom kienu ser jigu determinati fi stadju ulterjuri;

**Ikkunsidrat:**

Fuq ammissjoni tal-imputata din il-Qorti fadlilha tara biss il-piena li ghandha tinghata f’ dan il-kaz. Il-Qorti rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta’ Ottubru 2008, u tat-30 ta’ Ottubru 2008, fejn gie ddikjarat illi uhud mill-oggetti misruqa gew irritornati mill-imputata. Il-Qorti rat ukoll illi l-imputata mal-ewwel ghenet lill-Pulizija fl-investigazzjoni taghha, u ghandha fedina penali ghal kollox netta. Il-materja tal-kaz jirrigwarda diversi oggetti tad-deheb u flus li nsterqu mill-imputata, li kienet tahdem bhala “care worker” mad-derubati. Tul il-perijodu indikat fi-citazzjoni, l-imputata serqet diversi bicciet ta’ deheb u flus waqt il-qadi tad-doveri tax-xoghol taghha. Mal-investigazzjoni tal-Pulizija, uhud minn dawn il-bicciet gew identifikati mid-derubati, u dawn gew ritornati lilhom jew qed tinghata ordni mill-Qorti sabiex jigu ritornati minnufih. Hemm numru ta’ oggetti ohra, pero’, li kemm id-derubati kif ukoll l-imputata qed ighidu li hu taghhom, u ghalhekk il-Qorti ser ikollha tasal hi ghall-konkluzjoni dwar min hu l-proprjetarju legittimu tal-oggetti l-ohra li fadal.

Kwantu ghal piena, li jimmilita favur mitigazzjoni huma proprju l-fatturi msemmija hawn fuq, izda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 18 tal-Kap 9, l-istess piena tista’ tizdied bi grad jew tnejn, a diskrezzjoni tal-Qorti. Tenit kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti hi tal-fehma li sentenza ta’ prigunerija sospiza ghandha tkun idoneja.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 18, 261, 267, 268, 269, 279 u 334 tal-Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lil imsemmija imputata hatja u ghaldaqstant tikkunndanna ghal sena

prigunerija sospiza ghal tlitt (3) snin ai terminu tal- Artikolu 28 A tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il- Qorti tordna l- oggetti derubati li ma hemmx kontestazzjoni fuqhom jigu ritornati llum lid-derubati.

Testendi l- inkarigu mghoti lill- Perit Richard Aquilina li ghandu jirrelata lil din il-Qorti dwar l- oggetti li fuqhom hemm kontestazzjoni dwar il-proprjeta' taghhom, sabiex hu jiddetermina min hu s-sid legittimu tal-oggetti li fadal, jisma' provi fuq hekk, u jassisti lill-Qorti fl-ispartizzjoni eventwali tal-istess oggetti.

Il-Qorti ghaldaqstant tirriserva li tipprovdi fi stadju ulterjuri fil-konfront tal-oggetti tad-deheb li ghad hemm nuqqas ta' qbil fuqhom.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------